MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 32 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 16 ta' Frar 2012 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Skuzat |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

32.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 31 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

32.1.2 FA gie skuzat milli jattendi il-laqgha minhabba li kien imsiefer

32.2 Arising Out

32.2.1 PSM ta' rendikont tal-laqgha li kellna ma Onor Dr Karmenu Mifsud Bonnici , Ministru tal-Intern u affarijiet Parlamentari dwar il-hidma tal-Kunsill . Waqt din il-laqgha gew diskussi, fost l-ohrajn , t-talba tal-kunsill biex jinghata il-Banca Guratale bhal Ufficcju Amministrattiv, il-Finanzi tal-Kunsill kif ukoll il-hidma tal-Kunsil ghax-xhur li gejjien.

32.2.2PSM qal li minkejja ma kienitx saret il-laqgha mat-Transport Malta, huwa kien tkellem mac-CEO tal-TM. Fost is-suggetti imqajma kien hemm it-talba taghna sabiex jinghata it-Tramak triq il-Vapuri. Is-Sur Vella wieghed li kien ser jipprova ddahhal dan il-progett fil-pjanijiet tas-sena 2012.

.

32.3 Korrispondenza batch 48 u 49

32.3.1 Kellna talba mil-MRRA sabiex jigu installati Power points sabiex Karozzi li jahdmu bl-eletriku jkunu jistghu jiehdu ic-charge mehtieg. Wara diskussjoni qbilna li din it-talba ma tigiex milqugha minhabba li biex jghaddu il-cables tkun trid titkisser il-pavimentar.

32.3.2 Kellna talba mis-Sezzjoni tas-Sahha Primarja fid-dipartiment tas-Sahha sabiex jigu organizzati sensiela ta' tahdidiet dwar is-sahha primarja. Il-Kunsill qabel li jigu organizzati dawn it-tahdidiet.

32.3.3 Kellna talba mil-Historic Motorcycle Club sabiex il-Hadd 01 ta' April jidhlu bil-muturi ta' deletanti Taljani gewwa l-Imdina. Qbilna li naghtu pemess u jieqfu fin-nofs tal-Pjazza San Pawl minghajr ma joholqu problemi ghat-traffiku u l-Karrozzi ipparkjati.

32.3.4 Kellna korrispondenza mad-Diretturi tal-programm Televiziv

“Skoperti” sabiex jkunu jistghu jigbdu programm minn xi post gewwa l-Imdina. Il-Kunsill qabel li jissugerixxi l-Mina ta’ taht l-Imdina.

32.3.5 Kellna korrispondenza mil-MTA dwar il-hinijiet tal-ftuh tal-Ufficcju fl-Imdina, kif ukoll dwar il-haddiema li jahdmu fl-Ufficju.

. 32.3.6 Kellna korrispondenza mis-Sur Joe Azzopradi , mill-Monitoring Unit ta’ DLG dwar rigal li kien ser jinghata ghal-istedina ta’ Tieg. Il-possizzjoni tal-Kunsil giet iccarata ..

32.3.7 Ittra minghand Nicola Paris mix-Xara Palace dwar is-sitwazzjon tal-pavimentar fil-Pjazza tal-Kunsill . Il-kunsill kien tiga ha passi necessarja u x-xoghol ma kienx beda minhabba it-temp.

32.3.8 Ittra minn Era productions sabiex jitolbu permess sabiex jigbdu fil barra mill-Mdina. Il=Kunsill qabel li jinhareg permess.

32.3.9 Talba mill-Agenzija Appogg sabiex nidhlu fi skema fejn jigu ospitati nies bi problemi socjali f’xi djar tar-residenti. Kien hemm qbil li din it-talba tigi michuda.

32.3.10Kellna korrispondenza mad-DLG dwar tabelli li rridu jehlu fil-Playingfield, li jindikaw li ma jistghax isir tipjip f’dik iz-zona.

32.3.11Inqrat korrispondenza li kellna mal-OPM fuq il-Permess ta’ Access ta’ xihadd li t-talba tieghu giet michuda.

32.4 Rapport Finanzjarju ghas-sena 2011

32.4.1 PS qara r-rapport Finanzjarju kif gie preparat mill-Accountants tal-Kunsill. Wara li kien hemm diskussjoni dan ir-rapport gie approvat kif prezentat.

32.5 Affarijiet ohra meqjusa urgent

32.5.1 Kien hemm qbil li l-linji s-sofor fi triq Gharreqini jsiru mil-Koptasin.

32,5.2 Kien hemm qbil li l-parkegg reservati ghar=residenti fi Triq Lawrence Calleja .jigu mizjuda.

32.5.3 Kien hemm qbil li nqabdu lil Kumpanija ta’ Joseph Camilleri sabiex jaghmel xoghol ta’ manutenzzjoni fuq ir-ralling li hemm fuq it-tomba f’Howard Gardens ghalisx jinsabu fi stat periokuluz.

32.5.4 Kellna niktbu lil Kumpanija Guard & Wardens sabiex naraw li Il-CCTV li hemm fil-Parking area ta’ Howard Gardens jkunu jahdmu.

32/5/5 Kellna naraw li tigi organizata harga Kulturali ghal habta ta’ April.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |